MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 352/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Patrick Spiteri)**
**(Spt. Anzjan Anthony Cassar)**
**Vs**
**Daniel Agius**
**Peter Paul Pisani**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fi Triq is-Santwarju, u f'inhawi ohra f'Haz-Zabbar, fil-lejl ta' bejn il-Gimgha u s-Sibt, 10 u 11 ta' Settembru, 2004:

1. Hadu sehem f’parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, migbura bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm din il-gemgha ma kinetx imxewxa minn xi hadd partikulari liema reat fil-fatt sar;
2. Meta kienu tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita’ kompetenti biex jixxerdu, u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f’numru ta’ tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika;

3. Meta kienu tliet persuni jew aktar, li ngemghu jew jibqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b’mod tali u taht cirkostanzi tali ta’ vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta’ nies, wiri ta’ armi jew xorta ohra, li jistghu jgibu twerwir u biza’ fost in-nies;
4. Ingurjaw, heddew, u ghamlu offizi fuq il-persuni ta’ l-Assistant Kummissarju Paul Sammut, is-Supretendent Patrick Spiteri, l-Ispettur Anthony Cassar kif ukoll ta’ diversi ufficcjali ohra tal-Pulizija, liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l- ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
5. Attakaw u ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;
6. Bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes, ghajjat jew b’mod iehor;
7. Grew bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez, b’periklu li jahbtu ma’ xi hadd u jwegghuh;
8. Kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
9. M’obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma

hallewhomx jew fixkluhom fil-qadi ta' dmirijiethom jew b'mod iehor, bla jedd indahlu fi dmirijiethom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 80, 79, 95, 338(dd) u 338(ee) sabet lill-appellant Daniel Agius hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' akkuza in kwantu limitatament ghall-theddid, tat-tmien u tad-disa' akkuza w tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' sbatax (17) il-xahar prigunerija w ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett(3) snin l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Rigward l-appellant Daniel Agius in kwantu ghall-ewwel, u r-raba' akkuza in kwantu ghall-ingurji w offizi fuq il-persuni, il-hames, is-sitt u s-seba' akkuza ma sabitux hati ta' dawn l-imsemmija akkuzi stante li ma gewx sufficjentement ippruvati fil-konfront tieghu w minnhom illiberatu.
Rigward l-appellant Peter Paul Pisani rat l-artikoli 17, 80, 79, 338(dd) u 338(ee) u sabitu hati tat-tieni, tat-tielet, tat-tmien u tad-disa' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija w ordnat li din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin jikkommetti reat iehor punibbli bi priguneriija. Ma sabitux hati tal-ewwel, ir-raba w il-hames akkuza, s-sitt u s-seba' akkuza stante li ma gewx sufficjentement ippruvati fil-konfront tieghu w minnhom illiberatu.
Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-appellanti b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro w erba' w disghin centezmi ta' Euro (€232.94) kull wiehed li jzommu il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena.
Finalment il-Qorti tat lill-appellanti l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Daniel Agius minnu pprezentat fil-5 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Peter Paul Pisani minnu pprezentat fil-5 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Daniel Agius jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti stante li dwar it-tieni akkuza ma hemmx l-elementi mehtiega li seta' jigi pruvat il-kaz fil-konfront taghhom u dan stante li fl-ebda perjodu kif jirrizulta huma ma telqux minn fuq il-post meta hekk ordnati w/jew li kienu f'numru ta' tnax jew aktar;
2. Illi l-istess jinghad ghat-tielet akkuza fil-konfront tal-appellant li ma jirrizultax li huwa kien qieghed f'gemgha ta' tlieta jew aktar bi hsieb u ghan ta' vjolenza theddid rewwixti eccetra kif inghad;
3. Illi fil-konfront ta' l-appellant ma jirrizultax li l-appellant hedded il-persuni ta' Assistant Kummissarju Paul Sammut, l-ex Supretendent Patrick Spiteri, l-Ispettur Anthony Cassar u xi ufficjali ohra tal-Pulizija w dan stante li l-kliem "jien se mmur inkissirha" ma hux fih innifsu theddid fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, meta kien dover tal-Pulizija li jnehhu dak li quddiem ghajnejhom stess kien illegali;
4. Illi fil-konfront ta' l-appellant u dan fil-konfront tat-tmien u d-disa' akkuza kien propju l-kontra ta' dak li qed jigi akkuzat, li huwa hassu fic-cirkostanzi, illi jibqa' mal-partitarji sakemm tigi kkontrollata s-sitwazzjoni ma' l-awtoritajiet u mhux jaharb minn hemm u jhalli b'mod inkontrollabbli l-partitarji wahedhom u dan kif jirrizulta wkoll mill-fatti tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Peter Paul Pisani jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti stante li dwar it-tieni akkuza ma hemmx l-elementi mehtiega li seta' jigi pruvat il-kaz fil-konfront taghhom u dan stante li fl-ebda perjodu kif jirrizulta huma ma telqux minn fuq il-post meta hekk ordnati w/jew li kienu f'numru ta' tnax jew aktar;
2. Illi l-istess jinghad ghat-tielet akkuza fil-konfront tal-appellant li ma jirrizultax li huwa kien qieghed f'gemgha ta' tlieta jew aktar bi hsieb u ghan ta' vjolenza theddid rewwixti eccetra kif inghad;
3. Illi fil-konfront ta' l-appellant u dan fil-konfront tat-tmien u d-disa' akkuza kien propju l-kontra ta' dak li qed jigi akkuzat, li huwa hassu fic-cirkostanzi, illi jibqa' mal-partitarji sakemm tigi kkontrollata s-sitwazzjoni ma' l-awtoritajiet u mhux jaharb minn hemm u jhalli b'mod inkontrollabbli l-partitarji wahedhom u dan kif jirrizulta wkoll mill-fatti tal-kaz.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kors tas-smiegh tat-trattazzjoni l-Avukat Generali qajjem eccezzjoni preliminary dwar in-nullita' tar-rikors peress li mhuwiex car ghal xhix qed tintalab ir-riforma w id-disposizzjonijiet tal-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali ma gewx osservati.

Dan l-artikolu jaghmilha cara li *"ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizjarji, ghandu jkun fih, that piena ta' nullita' – a) il-fatti fil-qosor, b) ir-ragunijiet tal-appell, c) it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri."*

L-ahhar paragrafu tal-appellant jghid biss *"ghaldaqstant din il-Qorti hija mitluba li tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellanti minn kull htija w piena".*

Filwaqt illi l-kelma "tirriforma" uzata mill-appellant ma tbiddel xejn mis-sustanza mill-kelma "tibdil" uzat fl-artikolu 419 fuq imsemmi, l-appellant ma jghidx x'irid jaghmel bil-

bqija tas-sentenza, kellix tigi l-ewwel revokata jew inkella parti mizmuma w ohra mibdula.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan in-nuqqas jgib in-nullita' tassattiva kif sanzjonat bl-artikolu fuq imsemmi.

Il-Qorti tirrileva illi kien hemm originarjament disa' akkuzi ghal xhix Daniel Agius kellu jirrispondi u gie lliberat mill-ewwel, mir-raba', l-hames, is-sitta w s-seba' akkuzi u gie misjub hati fuq il-bqija.

Ghalhekk it-talba tal-appellant ma kellix tkun biss ir-riforma tas-sentenza peress illi kien hemm partijiet minnha illi kellhom jigu konfermati izda minn dan ma ntqal xejn u biex il-Qorti tasal u tara x'inhuma verament ir-ragunijiet ta' dan l-appell kellha tfittex hi fil-korp tar-rikors biex forsi tindividwohom.

Dan mhuwiex dak rikjest mill-ligi.

Kif qalet il-kawza **"Il-Pulizija vs Joseph Galea 30-06-1995"**
*"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' tar-rikors tal-appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :*
*a. bhala regola generali l-artikolu 419(1), cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza giet "very strictly and rigidly interpreted".*
*b. Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghat-tibdil, fil-prassi tal-Qorti tal-Appell Kriminali dejjem gie accetat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche' li din it-talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. In fatti, anki jekk tintalab biss it-thassir, il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza w konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellant – skond min ikun appella – tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti lliberatu jew minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut illi*

*jekk flok talba ghal tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null.*
*c. Ir-raison d'etre tal-artikolu 419 (1)(a)(b)(c) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza w il-legislatur ried li r-rikors tal-appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhix qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Il-vot tal-ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwohom."*

Dan huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz fejn il-Qorti kellha toqghod tfittex f'partijiet ohra tar-rikors biex tara ezatt x'inhu jitlob l-appellant, minn fejn irrizulta illi fil-fatt kellu jitlob parti konferma, ghal dik il-parti fejn l-appellant gie lliberat mill-Ewwel Qorti u parti riforma fejn ma nstabx.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi dan ir-rikors ma jissodisfax il-kwezit tal-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali, f'liema kaz allura l-Qorti ma ghandix triq ohra hlief tiddikjara r-rikors null.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------